MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tat-28 ta' April, 2008

Avviz Numru. 1528/2005

**Denis Mifsud (253234M)**

**Vs**

**Laferla Insurance Agency Limited u b'digriet tas-16 ta' Settembru 2005, giet kjamata in kawza is-socjeta` MiddleSea Insurance Plc.**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fil-15 ta' Lulju 2005, fejn l-attur qed jitlob li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas lilu s-somma ta' tmien mija u tmien Liri Maltin u sebgha u sittin centezmu (Lm808.67) jew somma ohra verjuri li tigi stabbilita` minn dan it- Tribunal occorrendo bin-nomina ta' perit nominandi, rapprezentanti spejjez inkorsi mill-attur fl-Isptar St. James Capua gewwa Triq G. Borg Olivier, Sliema mill-31 ta' Marzu 2004 sal-5

ta’ April 2004 u dana kawza ta’ kundizzjoni medika maghrufa bhala “*fast atrial fibrillation*” li minnha kien qed isofri l-attur.

Ir-rizarciment mitlub mill-attur qed isir in forza ta’ polza ta’ assigurazzjoni numru HOFC/BO11/0253234. Bl-ispejjez u bl-imghax.

Ra r-**Risposta** pprezentata fit-19 ta’ Awissu 2005 mis-socjeta` intimata u fejn gie eccepit :

(I) Illi fl-ewwel lok s-socjeta` Laferla Insurance Agency Limited ma hiex l-assikuratur izda hija biss l-agent tas-socjeta` Middlesea Insurance Agency Limited, li harget il-polza illi fuqha hija bbazata l-azzjoni odjerna tal-attur. Illi ghalhekk hemm lok illi l-imsemmija socjeta` Middlesea Insurance Agency Limited tigi imsejha f’din il-kawza, talba illi meta ssir ma hiex opposta mis-socjeta` konvenuta.

(II) Illi in linea sussidjarja jigi rilevat illi il-kura moghtija lill-attur fl-Isptar St. James ma hiex koperta taht il-polza ta’ assikurazzjoni mahruga mill-istess attur billi l-kura hekk moghtija kienet tikkonsisti f’rihabilitazzjoni. Rihabilitazzjoni ma hiex kura medika u ma hiex ghalhekk koperta fil-polza mahruga lill-attur.

(III) Illi jispetta lill-istess attur jipprova illi l-kura li hu rcieva gewwa l-Isptar St. James tikkwalifika bhala kura medika koperta taht il-polza partikolarment in vista tal-fatt illi l-istess attur gie discharged ossija rilaxxat mill-Isptar mill-kirurgu kuranti tieghu – haga inawdita kieku l-kura medika gewwa sptar tkun giet mitmuma.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Ra t-talba ta’ l-attur maghmula fis-seduta tas-16 ta’ Settembru 2005 ghall-kjamat in kawza tas-socjeta` MiddleSea Insurance plc u d-dikjarazzjoni ta’ Dr Stephen Thake li ta’ ruhu b’notifikat ghas-socjeta` kjamata in kawza bil-kundizzjoni accetta mill-konvenut, li l-eccezzjonijiet ezistenti jghoddu wkoll ghas-socjeta` kjamata in kawza.

Ra d-digriet tas-16 ta' Settembru 2005 li permezz tieghu is-socjeta` MiddleaSea Insurance Plc giet kjamata in kawza.

Sema` x-xhiedha kollha prodotti u ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti.

Sema` t-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet.

Ra illi l-kawza thalliet ghall-lum ghad-decizjoni.

Ikkunsidra :

Illi l-attur qed jitlob il-hlas tas-somma ndikata fl-Avviz jew somma ohra verjuri – rapprezentanti spejjes inkorsi mill-istess attur fl-Isptar St. James Capua bejn it-31 ta' Marzu 2004 u l-5 ta' April 2004, kawza ta' kundizzjoni medika maghrufa bhala "*fast atrial fibrillation*" – u dan in forza ta' polza ta' l-assikurazzjoni numru HOFC/BO11/0253234.

Illi min naha taghha s-socjeta` konvenuta u dik kjamata in kawza qed jiddefendu l-kawza billi jghidu illi l-kura moghtija lill-attur fl-Isptar St. James ma hix koperta bil-polza ta' l-assikurazzjoni billi l-kura kienet konsistenti f'riabilitazzjoni. Riabilitazzjoni ma hix kura medika u ghalhekk mhix koperta bil-polza. Illi fuq kollox l-attur kien gie *discharged* mill-Isptar San Luqa u kwindi l-kura medika giet mitmuma.

Il-punt principali f'din il-kawza huwa ghalhekk dak illi filwaqt illi l-attur jsostni illi l-perjodu li dam rekoverat fl-Isptar Capua ghal *rehabilitation* huwa kopert bil-polza, is-socjeta` konvenuta u dik kjamata in kawza jsostnu illi *rehabilitation* hija eskluza mill-kopert tal-polza.

Il-polza in kwistjoni u li tirregola l-partijiet giet esebita minn Pio Dalli ma' l-affidavit tieghu pprezentat b'nota tal-20 ta' Marzu 2007. Issir referenza ghal 'Taqsima 4' tal-Polza – `X'mhux Kopert` li f'paragrafu 7 taghha tghid :

*Hlasijiet ghal akkomodazzjoni u hwejjeg ancillari, infermiera d-dar u riabilitazzjoni li jsiru ghal jew li ghandhom x'jaqsmu ma' ragunijiet socjali u domestici u m'ghandomx x'jaqsmu mal-kura ta' kundizzjoni medika akuta.*

It-Tribunal jinnota ghalhekk illi f'dan il-kuntratt maghmul bejn il-kontendenti, is-socjeta` assikuratrici mhix obbligata illi taghmel tajjeb ghal hlasijiet maghmula minn assikurat taghha ghal finijiet ta' akkomodazzjoni (mhux il-kaz hawnekk) affarijiet ancillari (mhux il-kaz hawnekk), nursing (mhux il-kaz hawnekk) u rehabilitation – (li huwa l-kaz disputat hawnekk) – liema spejjes ikunu maghmula – jikkwalifika l-kuntratt – "*ghal jew li ghandhom x'jaqsmu ma' ragunijiet socjali u domestici u m'ghandomx x'jaqsmu mal-kura ta' kundizzjoni medika akuta*"

Kif inhu anke definit fl-Artiklu 2 ta' l-Att dwar l-Impriza ta' l-Assigurazzjoni (Kapitolu 280), il-kuntratt ta' l-assigurazzjoni hekk krejat bejn il-partijiet jikkostitwixxi dak il-ftehim "*fejn parti tiftiehem, b' korrispettiv, li thallas lil jew akkont ta' parti ohra jew lil beneficjarji, somma ta' flus jew hlas iehor, sew bhala indennizz kontra telf, hsara jew danni xort' ohra, meta tigri grajja specifika li dwarha jkun hemm element ta' incertezza dwar meta ser tigri jew ma tigrix".* Jitnissel minn dan, f' tema ta' assikurazzjoni, illi r-riskju hu l-oggett ta' l-assikurazzjoni u meta jsehh event, ekonomikament pregudizzjevoli ghall-assikurat u estraneju ghall-volonta tieghu, jidderivi l-obbligu fl-assikurazzjoni li taghmel tajjeb ghalih bil-hlas opportun. Naturalment, jaggrava dejjem fuq l-assikurat ghal fini ta' l-otteniment tal-hlas minghand lasskurazzjoni illi jiddemostra li sehhet sitwazzjoni koperta
bil-garanzija assikurativa. Verifikat dan, il-piz tal-prova jghaddi fuq l-assikurazzjoni f' kaz li din tiddefendi ruhha bleccezzjoni illi dik l-istess sitwazzjoni hi eskluza mill-polza.[1]

Il-polza/kuntratt jiddefenixxi numru ta' termini, izda jonqos milli jiddefinixxi t-terminu 'rehabilitation'.

[1] Appell Civili 281/2003PS – Antoinette Mifsud vs Middle Sea Insurance Plc

'Kundizzjoni Medika Akuta' hija definita bhala - "*Kundizzjoni medika li dduma ftit zmien u tista` tigi kkurata u mfejjqa malajr b'kura medika, jew tirrispomndi immedjkatament u toinqos fl-intensita` bil-kura medika, jew m'hix kronoika kif definit*."[2]

Ma jirrizultax mill-provi prodotti illi l-attur mar l-Isptar Capua ghal rehabilitation ghal ragunijiet socjali u domestici – u ghalhekk it-Tribunal qed jghaddi biex jeskludi din il-parti ta' l-eskluzjoni.

Jibqa` ghalhekk illi jigi stabbilit jekk l-kura u z-zmien li l-attur ghamel fl-Isptar Capua jikkwalifikax bhala '*rehabilitation for reasons* ***not*** *related to treatment of an acute medical condition*'. Jekk dan huwa l-kaz, allura t-talba attrici ghandha tigi michuda peress illi l-polza teskludi tali kopert, pero` jekk mhux il-kaz illi taqa` fil-parametri ta' din l-eskluzjoni kif indotta fil-polza, allura jigu michuda l-eccezzjonijiet tal-konvenuti.

Biex it-Tribunal jasal ghall-konkluzjonijiet tieghu ikkonsidra :

Illi kif jirrizulta mic-certifikat ta' l-Isptar St. Luke's datat 19 ta' April 2004, l-attur dahal l-Isptar fil-15 ta' Marzu 2004 u hareg fit-18 ta' Marzu 2004. Dr Cassar jghid illi l-attur fl-eta' ta' 70 sena ilmenta minn '*central compressive chest pain' u 'urgent angiogram was carried out showing a limited official infarct*'.

Certifikat ta' Mr Alex Manche datat 3 ta' Awissu 2004 jghid invece illi l-attur gie trasferit St. James Capua "*for observation following conversion of his atrial fibrillation with IV Amiodarone at St. Luke's*". Jghid wkoll "*I feel it is a reasonable course of action to monitor such patients for a few days*".

Mr Kevin Schembri mbaghad jghid b'certifikat (mhux datat – Dok DM3) – illi l-attur gie operat u wara "*he developed*

[2] Taqsima 1, paragrafu 2 tal-Polza

*fast atrial fibrillation, which was stabilized with citravencous amiodarone*". Jghid wkoll illi wara illi gie discharged mill-Isptar St. Luke's (dati ma jaqblux ma` certifikati ohra), fl-istess gurnata pero` gie "*admitted to St. James for further observation as regards arrhtymias*".

L-attur jispjega d-differenza fid-dati hawn fuq msemmija fix-xhiedha tieghu (5.10.05) u jghid illi fil-15 ta' Marzu 2004 sofra attakk ta' qalb u baqa' l-Isptar sal-20 ta' Marzu 2004, izda rega` dahal ghal quadruple by-pass fil-25 ta' Marzu 2004 – li saret u baqa` rekoverat sal-31 ta' Marzu 2005 – fejn mbaghad ntbaghat minn Mr Manche` ghal monitoring fil-Isptar St. James Capua, u baqa` hemm sal-5 ta' April 2004.

Jghid l-attur illi meta kien St. James "*I was being monitored all the time u dan billi jiccekkjawli blood counts, pressjoni u affarijiet ohra simili. Hemmekk hadt wkoll xi pilloli illi taghhom jiena anke hallast*".

Jghid wkoll illi l-kont ta' l-Isptar huwa hallsu.

Ikkunsidra wkoll :

Illi Dr Frank Bartolo (18.01.06) xehed illi l-attur dahal St. Luke's u sar intervent fuqu "*urgenti ta' by-pass – maghruf bhala CABG*", liema operazzjoni saret fis-26 ta' Marzu 2004. Mix-xhiedha tieghu irrizulta illi huwa kien qed jixhed bhala Supretendent ta' l-Isptar, b'dana kollu kien wkoll konsulent tas-socjeta` konvenuta.

Jispjega illi '*Arithrea*' tfisser "*li l-qalb ma tkunx qed tahdem bir-ritmu normali. Din hija very common…..trauma……… Wara operazzjoni tal-qalb, din gieli tissuciedi*".

Jikkonferma pero` illi d-discharge note ta' l-Isptar St. Luke's tindika illi l-attur ntbaghat id-dara wara l-intervent u mhux fi Sptar iehor – vide Dok FB1.

Minn ezami akkurat ta' Dok FB1 b'dana kollu jirrizulta illi din hija Case Summary ta' l-ewwel darba illi l-attur dahal l-

Isptar fix-xahar ta’ Marzu 2004 u mhux it-tieni darba u dik relevanti ghal kaz odjern.

Ikkunsidra ulterjorment :

Illi Claude Savona (18.01.06), Nurse fl-Isptar Capua jghid illi minn nursing reports illi ghandu jirrizulta illi l-attur dahal l-Isptar b’emergenza –“*ikun emergency ghax ma jkunx ibbukkjat jew ikun referred bhala tali minn ghand xi konsulent*”.

Mill-file li esebixxi – Dok CSI – fol 33 da fol 47 – jirrizulta illi bhala ‘reason for admission’ gie nnotat ‘*Post-Surgery - Mr Kevin Schembri recommended to come here – (by-pass)*’, u anke hemm isem l-assikurazzjoni annotat. Jirrizulta wkoll “*admitted to St. James Hospital for observation re : arrythema*”.

Mir-records esebiti jirrizulta wkoll il-mod u l-frekwenza illi l-pazjent/attur kien ezaminat mit-tobba u n-nurses u l-medicini li kien qed jinghata.

L-istess Claude Savona jghid (14.06.06) illi jirrizulta mill-file “*illi l-pazjent in kwistjoni kellu xi kumplikazzjonijiet wara l-intervent mediku li sarlu*”. Jghid wkoll illi l-kelma ‘rehabilitation’ mnizzla fuq Dok CS – fol 55 – ghamilha hu – izda hu mhux tabib jew konsulent.

Meta xehed Dr Kevin Schembri (23.10.06) dan xehed illi l-attur, apparti l-*fast atrial fibrillation* (polz mhux regolari), “*kellu wkoll kumplikazzjonijiet ohra fis-sens ta’ severe vertigo, li tfisser li jkun ibaghti minn sturdamenti*”.

Jghid illi fl-Isptar St. James li kellu bzonn il-pazjent kien il-kura, “*fis-sens illi n-nurse ticcekkjali l-pressjoni u kif wkoll il-polz u tara illi dawn l-affarijiet jibqu stabbli*”.

In kontro-ezami (18.02.08), Mr Kevin Schembri jghid illi l-attur kien staqsieh setax ikompli jiehu l-kura fi Sptar Privat u hu u Mr Manche` gharrfuh illi ma kellux problema jaghmel hekk u huma kienu ser ikomplu jsegwuh anke fi Sptar Capua. Jghid wkoll illi l-attur “*ma kienx f’posizzjoni li*

*jmur lura d-dar u allura kieku ma marx fi Sptar Privat kien ikollu jibqa` St. Luke's Hospital*".

Illi fl-affidavit tieghu (Dok PD) Pio Dalli in rapprezentanza tas-socjeta` konvenuta, jghid illi s-socjeta` konvenuta saret taf b'dan il-kaz ta' l-assikurat taghha meta rceviet Dok PD-C - il-pre-admission form mill-Isptar Saint James. Dan l-istess dokument jindika illi l-pazjent idahhal l-Isptar ghal raguni 'Post-Surgery-Emergency Admission'.

Jispjega illi meta rcieva claim ta' l-attur – Dok PD – A, is-socjeta` konvenuta hallset tali claim li kienet pero` riferibbli biss ghaz-zmien illi l-attur dam rekoverat fl-Isptar San Luqa.

Is-Sur Dalli jispjega illi dwar it-tieni claim riferibbli ghall-perjodu fl-Isptar St. James, l-attur ma kienx kopert bil-polza tieghu – in kwantu illi "rehabilitation is not covered".

Isostni illi mill-informazzjoni migbura mis-socjeta` konvenuta "irrizulta illi l-attur ma ha ebda kura medika gewwa l-Isptar u qatt ma kien f'kundizzjoni illi kienet tirrikjedi li jigi rekoverat l-Isptar".

Finalment jirrileva illi l-kont ta' St. James jinkludi Lm30 inkorsi ghal persuna illi raqdet zewg iljieli fl-Isptar ma' l-attur – li ma kienux koperti bil-polza.

Ikkunsidra ulterjorment :

Illi ghalkemm lanqas ma tirrizulta fir-risposta, jidher pero` mill-affidavit ta' Pio Dalli illi dwar il-quantum, l-uniku kontestazzjoni tidher li hi dwar Lm30 riferibbli ghall-persuna li raqdet zewg iljieli fl-Isptar ma' l-attur - dwar liema l-istess Pio Dalli jghid illi dawn ma humiex koperti bil-polza.

It-Tribunal jinnota pero` illi mhux biss ma giex indikat taht liema klawsola tal-polza dawn huma eskluzi, izda qari ta' l-istess polza iwassal lit-Tribunal biex jikkonkludi illi tali *item* mhux eskluz – almenu mhux indikata fl-erba` u ghoxrin paragrafu fit-Taqsima 4 intitolata "*X'm'hux kopert*".

Illi dwar il-kwistjoni principali – ossia jekk l-attur hux kopert jew bil-polza tieghu ghall-ispejjes minnu maghmula lill-Isptar St. James Capua ghall-perjodu mill-31 ta’ Marzu 2004 sal-5 ta’ April 2004, it-Tribunal josserva :

1) Illi l-hlas ghal riabilitazzjoni mhux kopert biss jekk tali riabilitazzjoni ssir ghal jew ikollha x’taqsam ma’ raguni socjali u domestika u ma jkollix x’taqsam mal-kura ta’ kundizzjoni medika akuta.

2) Illi ghalkemm Pio Dalli fl-affidavit tieghu jghid illi safejn jaf hu, l-attur kien jghix wahdu, b’dana kollu t-Tribunal mhux sodisfatt mill-provi kollha prodotti illi l-attur mar St. James Capua ghal raguni socjali u domestika – anke in vista tal-fatt illi fuq kollox kien hemm persuna illi ghamlet zewg t’iljieli torqod ma’ l-attur fl-istess Sptar. Allura t-Tribunal ma’ jistghax jikkonkludi illi r-riabilitazzjonin ta’ l-attur fl-Isptar Capua kellha x’taqsam ma’ raguni socjali u domestika – u allura eskluza bil-polza.

3) Jifdal ghalhekk illi jigi stabbilit jekk il-perjodu li ghamel l-Isptar Capua l-attur kienx riabilitazzjoni li ma ghandux x’jaqsam mal-kura ta’ kundizzjoni medika akuta.

Kif jinghad aktar il-fuq, it-termini kundizzjoni medika akuta hija definita bl-istess polza bhala – kundizzjoni medika li ddum ftit zmien u tista` tigi kkurata u mfejqa malajr b’kura medika, jew tirrispondi immedjatament u tonqos fl-intensita bil-kura medija jew mhix kronika.

4) A contrario sensu ghalhekk ifisser illi ghandhom jithallsu *claims* relattivi ghal riabilitazzjoni li ghandhom x’jaqsmu mal-kura ta’ kundizzjoni medika akuta.

5) Mill-assjem tal-provi kollha prodotti u partikolarment tax-xhieda u l-ispjegazzjonijiet medici kollha li taw it-tobba f’din il-kawza, it-Tribunal jista` jasal biex jikkonkludi illi l-attur gie mibghut St. James Capua flok baqa` l-Isptar San Luqa. Din iffisser qabel xejn illi l-attur kellu bzonn attenzjoni medika ulterjuri warta l-operazzjoni minn maghmula, u iffisser ukoll illi l-attur kien

jigi kkumpensat bir-rata ta' Lm25 ghal kull lejl kif spjegat r-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta, kieku baqa` rekoverat fl-Isptar San Luqa.

6) It-tobba spjegaw illi l-kundizzjoni li dahal biha l-attur fl-Isptar St. James – *Arrhythmias* – u li ghaliha kellu jkun osservat fl-Isptar (hux Capua jew San Luqa frankament ftit taghmel differenza) – kienet tfisser illi l-qalb ma' kinitx qed tahdem bir-ritmu normali – haga pjuttost komuni wara operazzjoni tal-qalb. Spjegaw wkoll illi b'kura adatta, fi ftit granet l-problema tkun sorvolata u l-pazjent jerga` jikseb ritmu normali tal-qalb – kif in effetti gara.

7) Illi dan jinduci lit-Tribunal sabiex jikkonkludi ghalhekk illi l-kura li ha l-attur fl-Isptar St. James kienet kura ghal kundizzjoni medika akuta, kif taqa` fil-parti tad-definizzjoni taghha fil-polza stess - "*ddum ftit zmien u tista` tigi kkurata u mfejqa malajr b'kura medika*". In kwantu hija hekk – allura hija kura koperta bil-polza ta' l-attur.

Ghal dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha ghalhekk, it-Tribunal sejjer jilqa` t-talba attrici fl-intier taghha.

Ghaldaqstant, wara li qies il-provi kollha prodotti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz, it-Tribunal qed jiddeciedi billi filwaqt illi jichad l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta` konvenuta (ghajr ghall-ewwel eccezzjoni) u mis-socjeta` kjamata in kawza, jillibera lis-socjeta` konvenuta Laferla Insurance Agency Limited mill-osservanza tal-gudizzju u jilqa` t-talba attrici fil-konfront tas-socjeta` kjamata in kawza Middle Sea Insurance Plc u jikkundanna lill-istess socjeta` kjamata in kawza Middle Sea Insurance Plc sabiex thallas lill-attur l-ammont mitlub ta' elf, tmien mija u tlieta u tmenin Euro u disa` u sittin centezmu (€1883.69) ekwivalenti ghal tmien mija u tmien Liri Maltin u seba` u sittin centezmu (Lm808.67) ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz.

Bl-imghax mid-data tal-presentata ta' l-Avviz u bl-ispejjes kollha tal-kawza li ghandhom jigu sopportati mill-istess

socjeta` kjamata in kawza Middle Sea Insurance Plc, ghajr ghal dawk relattivi ghas-socjeta` konvenuta Laferla Insurance Agency Limited li ghandhom jigu sopportati mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------